MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 3/2006

**Philip Buttigieg**

**vs**

**Pinu Attard**

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm389.90c) dovuti lilu in kwantu ghas-somma ta’ nija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm178) bhala hlas ta’ penali li kellha tithallas lill-MEPA minhabba *scrapyard* u s-somma ta’ mitejn u hadx-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm211.90) bhala hlas li sar lil Angelo Said sbiex naddaf il-plot mill-iskart u hadid imholli minnek u *d-dumping fees* ghall-istess.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittri ufficjali mibghuta f'Marzu 2004 u fil-25 ta' Awissu 2005, ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-30 ta' Dicembru 2005 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Il-konvenut jecipixxi bir-rispett

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante il-fatt illi l-konvenut qatt ma halla oggetti fil-plot tal-attur minghajr il-kunsens u tolleranza tieghu;

Illi meta mitlub mill-attur verbalment sabiex inehhi l-affarijiet mil-plot, il-konvenut ghamel dan minnufih a spejjez tieghu

Ghaldaqstant, il-konvenut ma hux obbligat u qatt ma kien il jaghti xi bilanc ta' flus lil attur."

Ezamina l-provi

Ikkunsidra

Il-pern tad-difiza tal-konvenut hija li malli ntalab biex inehhi l-materjali in kwistjoni huwa nehhieh mill-ewwel. Jirrizulta pero' li huwa injora diversi talbiet li ghamillu l-attur, kemm verbalment, anke akkumpanjat minn terzi persuni, kemm permezz ta' ittra mibghuta mill-avukat tieghu, kif ukoll sahansitra permezz ta' zewg ittri ufficjali. Il-konvenut ma huwa xejn kredibbli ghax inizjalment sahansitra cahad li qatt ircieva ittri ufficcjali minghand l-avukat tal-attur, imbaghad ammetta biss meta gie ssikkat mit-Tribunal. Barra minn dan, ghalkemm il-konvenut qal li huwa nehha l-affarijiet huwa stess, jirrizulta li nehhihom biss wara li l-attur beda jnaddaf l-ghalqa u messlu l-oggetti u skart li kellu ddepozitati fiha.

Min-naha l-ohra, it-Tribunal mhux konvint li l-oggetti kollha ivi ddepozitati kienu tal-konvenut, ghax jirrizulta li l-art kienet spiccat mizbla li fiha hafna nies hassewhom liberi jitfghu l-iskart gewwa fiha u li ghalhekk hemm lok ghal temperament tal-ammont mitlub fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM290 bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Spejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ta' Marzu 2004 u Awwissu 2005, u l-ittra interpellatorja ta' Dicembru 2005 jigu sopportati kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------